MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 59/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**
**vs**
**Etienne Brincat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Etienne Brincat ta’ 33 sena, bin Philip u Raphaela nee’ Pisani, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Frar 1976 u residenti fil-fond 8A, Burzett Alley, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 109376M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-20 ta’ Gunju 2007 u fix-xhur ta’ qabel, fix-Xaghjra ta’ Haz-Zabbar u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe’ partijiet minn vettura tal-marka Toyota Space Cab bin-

numru tar-registrazzjoni originali GBB 559 li hi rapurtata misruqa, liema serq kien jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) (€2329.37 Euros).

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehudha b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;

Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta' Novembru 2006, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati ta' diversi reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Jannar, 2010 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-20 ta' Gunju 2007 il-Pulizija rceviet rapport minghand certu Saviour Degabriele minn Haz-Zabbar fis-sens li huwa kien ghadu kemm gharaf xi parts minn vettura (vann pick up) li kienet insterqitlu xi xhur qabel

minn Marsascala, precizament fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2007. Din il-vettura li nsterqitlu kienet tal-marka Toyota Hilux Ex-Cab u kellha n-numru tar-registrazzjoni GBB 559. Illi mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data tal-20 ta' Gunju 2007 dan Saviour Degabriele innota vettura simili u tal-istess kulur bhal dik li kienet insterqitlu u din il-vettura kellha n-numru tar-registrazzjoni CAF 028 u minn indagni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li kienet registrata f'isem l-imputat fil-kawza odjerna. Saviour Degabriele kemm meta rraporta lil Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem l-espert tekniku nominat fl-Inkjesta Magisterjali[1] qal li l-kaxxa tal-pick up CAF 028 kienet l-istess wahda li kien hemm imwahhla fil-vettura li nsterqitlu. Huwa indika li seta' jaghraf din il-kaxxa ghaliex originarjament kellha l-hooks tal-gnub bil-viti tondi izda wara li kien tilifhom huwa kien ghamel l-irjus tal-viti hexagon u dawn il-bolts hexagon rahom fil-kaxxa tal-vann CAF 028. Degabriele spjega wkoll li huwa kien kesa l-kaxxa tal-vann tieghu b'tip ta' lastiku li kien ghamlu ghand tal-Mecasol u l-boltijiet gew miksija bil-lastiku u ghalhekk kienu embedded fih. Barra minn hekk huwa seta' jaghraf il-vann tieghu ghaliex fuq il-wheel arch, wara s-seat tal-passiggier kien hemm ghafsa li kien jaf biha hu u meta tiftah il-bieba tal-kaxxa tal-pick-up fuq il-lemin kien hemm ghafsa fil-lastiku minhabba hxuna zejda li wkoll kien jaf biha hu. Abbazi ta' dan kollu Saviour Degabriele seta jidentifika l-kaxxa tal-vann CAF 028 bhala dik li kienet fil-vann li nsteraqlu fil-lejl ta bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2007. Mill-provi rrizuta li meta huwa mar jaghmel ir-rapport lil Pulizija fl-20 ta' Gunju 2007 huwa gie akkompanjat fuq il-post fejn kien parkeggjat il-vann bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 minn PS 1577 Silvio Magri[2] u dan tal-ahhar seta' jikkonstata l-boltijiet lilu indikati minn Degabriele u fil-fatt ghamel in-notament relattiv fl-okkorrenza li hija mmarkata bhala Dok. SM7 u hija annessa mar-rapport tal-espert tekniku Philip Zammit. Din il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 giet elevata mill-Pulizija u minn

[1] Process Verbal relattiv inserit a fol. 39 tal-atti processwali u rapport tal-espert tekniku Philip Zammit inserit a fol. 17 tal-atti processwali.
[2] Dan is-Surgent xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali fis-6 ta' Novembru 2007 u x-xhieda tieghu tinsab inserita a fol. 49 sa 53 tar-rapport tal-espert tekniku Philip Zammit.

stharrig li sar mill-istess Pulizija rrizulta li din il-vettura kienet maghmula minn diversi partijiet ohra u skond ricerka li saret mal-Awtorita' Dwar it-Trasport din il-vettura kienet originarjament registrata bhala tal-marka Isuzu u li l-kabina kienet maqlugha minn fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni LCH 202 liema vettura kienet habtet u nqalbet f'incident stradali li sehh il-Mosta[3], filwaqt li c-chassis kien jidher li huwa maghqud minn diversi partijiet. Mill-provi rrizulta li waqt li l-imsemmi pick-up bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 kien parkeggjat quddiem l-Ghassa ta' Haz-Zabbar l-imsemmija hexagon bolts sparixxew u waqt l-Inkjesta Magisterjali l-imputat fil-kawza odjerna ghadda sett ta' boltijiet li gew esebiti f'dawn il-proceduri u huma mmarkati bhala Dok EB1 liema boltijiet ma kienux l-istess boltijiet li kien ra Saviour Degabriele fil-kaxxa tal-vann CAF 028.

Wara li sar l-imsemmi rapport minn Saviour Degabriele saret Inkjesta Magisterjali fejn il-Process Verbal relattiv jinsab inserit f'dawn l-atti u jifforma parti integrali mill-istess atti[4] u fejn din il-Qorti ikkonfermat il-hatra tal-esperti nominati fl-istess Inkjesta Magisterjali. Wiehed mill-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali kien l-espert tekniku Philip Zammit li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2010 fejn prezenta r-rapport tieghu. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dan ir-rapport estensiv liema rapport gie mhejji b'mod akkurat u dettaljat fejn l-espert tekniku wara li ghamel diversi testijiet fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 u wara li sema' diversi xhieda bil-gurament skond ma' kien awtorizzat li jaghmel permezz tad-digriet tal-Magistrat Inkwirenti datat 5 ta' Settembru 2007 u wara li ha konjizzjoni ta' diversi dokumenti huwa wasal ghas-segwenti konkluzjonjiet:-

*'Fis-**7 ta' Frar 2007**, Etienne Brincat ID no 109376M, xtara kabina u kaxxa ta' vann Toyota Spacecab minghand Alistair Caruana ID no 88074M. Dan ta' l-ahhar kien xtara l-vann komplut b'danni estensivi minghand Joseph Zahra ID no 397083M, li kien habat u nqaleb bih fis-sena 2004.*

[3] Ara okkorrenza relattiva li hija mmarkata bhala Dok. SM6 u tinsab inserita mar-rapport tal-espert tekniku Philip Zammit.
[4] Inserita fol. 39 tal-atti processwali.

*Dan il-vann kien tal-marka Toyota Spacecab bin-numru LCH 202.*

*Minn dan il-vann dannegjat Alistair Caruana kien zamm ix-chassis u l-magna li fuqhom bena bodyshell ta' Toyota Hilux Surf.*

*Gara illi fil-lejl ta' bejn* ***it-23 u l-24 ta' l-istess xahar ta' Frar 2007****, insteraq vann minn Marsascala, li kien ta' l-istess marka, tip u kulur ta' dak numru LCH 202, u cioe' vann li l-kabina u l-kaxxa dannegjati tieghu kienu nxtraw fitt jiem qabel minn Etienne Brincat. Il-vann misruq kien propjeta' ta' Saviour Degabriele ID no 664256M, u kellu n-numru GBB 559.*

*L-imsemmi Etienne Brincat kellu fil-pussess tieghu vann Isuzu KB numru CAF 028. Dan kien ilu ghandu xi sentejn u nofs u xtrah minghand Stephen Mifsud ID no 430967M. L-istess vann kien ftit imlaqqat u armati fuqu kellu partijiet minn Toyota.*

*Etienne Brincat iddecieda li jibni kabina u kaxxa ta' Toyota Spacecab fuq ix-chassis tal-vann Isuzu li kellu huwa stess. Ghal dan il-ghan huwa xtara magna Toyota 2L bil-gearbox b'kollox minghand Paul Auto Dealer mir-Rabat, Malta. Ma' dawn huwa tah il-parti ta' quddiem tax-chassis fejn kienu mwahhla l-istess partijiet.*

*Sabiex jibni dan l-iSpacecab, Etienn uza parti mix-chassis ta' l-Isuzu tieghu, minn fejn ikun ippancjat ix-chassis number lura, u ghaqdu mal-parti ta' quddiem tax-chassis li huwa kien xtara minghand Pawlu tar-Rabat. Fuq dan ix-chassis huwa rama kabina u kaxxa ta Toyota Spacecab.*

*Minn ezamijiet bir-reqqa li ghamel l-esponent fuq il-vann Toyota Spacecab numru CAF 028, u mill-provi kollha migbura, irrizultalu illi:-*

- *Il-bodyshell tal-kabina li ntuzat f'din il-konverzjoni huwa l-istess bodyshell dannegjat li kien jappartjeni l-vann LCH 202. Dan gie msewwi u mizbugh minn Anthony Spiteri ID no 451650M, ta' Starlight Garage, Zejtun.*

- *Ix-chassis tieghu gie mlaqqat minn tliet bicciet. Il-parti tan-nofs fejn kien hemm ippancjat in-numru tax-chassis, u l-bicctejn l-ohra mehudin minn chassis ta' Toyota pick-up vans. Irrizulta wkoll illi n-numru tax-chassis kien imbaghbas.*
- *Il-VRT Test li sar fil-VRT station li hemm f'Cassar Service Station, Zejtun, kif ukoll ic-certifikazzjoni illi l-vettura CAF 028 'is in good working condition and thus suitable for working' mahrug fit-12 ta' Marzu 2007, ma jaghmlu ebda unur la lill-VRT Tester Paul Cassar u anqas lill-Ingineer Fredrick Azzopari, li hallew vann b'chassis number imbaghbas u chassis frame imlaqqat minn tliet bicciet, jintuza fil-gzejjer Maltin, akkost li dan seta' kellu konsewgwenzi koroh. Nitlob illi l-Awtorita' Maltija dwar it-Trasport tiehu aktar bis-serjeta' meta jsiru applikazzjonijiet ghal konversjonijiet simili fuq vetturi. Is-sottoskritt jikkundanna l-uzu fit-triq ta' l-istess vann. Dan ghall-fatt illi mhuwiex salv u jista' jkun ta' periklu fis-sewqan, kemm ghas-sewwieq, passigieri u n-nies fit-triq.*

- *Il-kaxxa u d-dashboard armati fuq l-istess vann ma kinux dawk appartenenti lill-vann numru LCH 202 li Etienne Brincat xtara minghand Alistair Caruana, izda huma partijiet minn vann iehor ta' l-istess marka, tip u kulur, numru GBB 559, li kien insteraq ghall-ahhar ta' Frar 2007 minn Marsaskala. Dan gie konfermat mill-esponent mid-diversi ezamijiet li ghamel fuqhom, minn Raymond Vella li kien wahhal radio FM shifter fuq l-istess vann, kif ukoll minn Saviour Degabriele, li rnexxielu jaghraf partijiet essenzjali u mankamenti li kienu jezistu kemm fuq id-dashboard, kif ukoll fil-kaxxa, liema difetti ma kinux jaghtu tant fil-ghajn qabel ma serqulu l-vann.*

- *Illi kienu diversi l-partijiet dannegjati li Etienne xtara mal-kabina u l-kaxxa, liema partijiet gew rimpjazzati u qatt ma ngabet prova minn fejn setghu originaw l-istess partijiet, li fosthom hemm:-*
  - *Driver's airbag*
  - *Front A Bar*
  - *LH/RR view mirror*

- *F/RH wing*
- *Clutch kit complete*
- *Rear bumper*
- *Air cleaner box*

*Jirrizulta wkoll illi z-zewg bibien tal-kabina nbidlu u x'aktarx intuzaw il-bibien tal-vann misruq fuq imsemmi.*

*Etienne stqarr li hafna minn dawn l-oggetti kien gabhom b'xejn minghand Noel ta' Burmarrad Commercials. Dan Noel cahad li kien jaf lil Etienne u li safejn kien jaf hu qatt ma ta parts b'xejn. Dawn l-istess partijiet u dak kollu li kellu bzonn biex isewwi l-vann tieghu, Etienne seta; akkistaghhom mill-vann misruq, bhalma akkwista l-kaxxa u d-dashboard tieghu.*

*Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta ampjament car illi diversi partijiet li kienu armati fuq il-vann Toyota Spacecab numru CAF 028 kienu gew zarmati minn fuq il-vann Toyota Spacecab numru GBB 559, liema vann kien insteraq fi Frar ta' l-2007 minn Marsascala.'*

Ikkunsidrat:

Illi Saviour Degabriele xehed fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali fejn huwa qal is-segwenti:-

*'Ghadha kif inqratli stqarrija li jiena rrilaxxajt lill-ispettur Anthony Cassar, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zababr, fil-21 ta' Gunju 2007, liema stqarrija hija mmarkata bhala dokument SM5. Jiena kont ghaddejt kopja ta' din l-istess stqarrija lill-Ispettur Stephen Mallia tas-CID. Nikkonferma din l-istqarrija u ma ghandi xejn x'nibdel minnha.*

*Nghid illi xi sena wara li kont xtrajt dan il-vann, kont qlajtu l-erbgha hooks tal-kaxxa li kienu marbutin bi 8 viti, ras tonda, li jinqabdu b'turnavit 'Philips'. Dawn qlajthom peress li kellhom xi raxx tas-sadid, u ghalhekk xkatlajthom u zbaghthom b'zebgha hadra tal-pinzell li biha jizbghu fuq pjanci galvanizzati.*

*Hallejt dawn il-brackets imdendlin fil-garaxx biex jinxfu u wara xi zmien mort biex inwahhalhom lura fil-post. Meta gejt biex isib il-viti taghhom, 4 minnhom ma stajtx insibhom. Ghalhekk xtrajt 4 bolts, bil-hexagon head, li bihom irbatt iz-zewg hooks ta' wara tal-kaxa, li jigu mal-kabina. It-tnejn l-ohra ta' magenb il-bieba tal-kaxxa, irbatthom bl-istess viti il kont qlajt, u cioe' ras tonda 'Philips'. Xi tlett ijiem wara mort ghand il-Mercasol, Hal-Luqa, fejn ghamluli spray on bed liner iswed, fuq gewwa tal-kaxxa.*

*Qed nigi muri 4 hooks u 8 viti li bhalhom kelli fil-kaxxa tal-vann tieghi, liema viti u hooks huma mmarkati bhala dokument EB1. Nghid li dawn il-hooks mhumiex dawk li jiena kont zbaht u wahhalt fuq il-kaxxa tal-vann tieghi. Qed nghid dan ghax l-ewwelnett ma tidher l-ebda tracca ta' zebgha hadra li biha kont zbaht l-istess hooks, kif ukoll l-4 bolts hexagon li wahhalt jien kienu jhallu marka differenti fil-qatran iswed.*

*Fl-20 ta' Gunju, meta jiena rrapurtajt dan il-kaz lill-Pulizija ta' Haz-Zabbar,u mort narah fil-prezenza tal-Pulizija ix-Xaghjra ta' Haz-Zabbar, l-istess vann ma kienx ingabar mill-istess Pulizija, pero' ngabar l-ghada filghaxija, 21 ta' Gunju, wara s-sebgha ta' filghaxija (7pm). Jiena dakinhar ma rajtux il-vann.*

*L-ghada filghodu, 22 ta' Gunju 2007, f' xit-tmienja u nofs (8.30am), ergajt mort l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar biex inkellem lill-Ispettur Anthony Cassar. Dak il-hin rajt l-istess vann ipparkjat quddiem il-bieb ta' l-Ghassa. Ittawwaltlu fil-kaxxa u osservajt illi z-zewg hooks ta' mal-kabina, li kienu marbutin b'4 hexagon head bolts kienu gew maqluha u ma kienu jidhru mkien.*

*Nghid ukoll illi meta rajtu x-Xghajra, il-hooks ta' magenb il-bieba tal-kaxxa kienu neqsin, kien hemm biss iz-zewg hooks ta' mal-kabina.*

*Niftakar ukoll illi x-xifer ta' fuq il-kaxxa tal-bed liner, kien beda niqala min-naha tal-kabina, genb tax-xellug, mal-kantuniera.*

*Nghid ukoll illi fuq il-mudguard ta' quddiem tax-xellug, kellu ghafsa ftit l-isfel mill-aerial. Din kien tellahhieli certu Mario Pullicino li jahdem mieghi. L-aerial kien imwahhal fuq l-istess mudguard.*

*Jien qatt ma tajt xi forma ta' rust protection lill-body ta' dan il-vann, u anqas fix-chassis. Il-bibien tal-kabina ma niftakarx li kellhom xi toqob li minnhom jinghata r-rust protection fil-bibien. Mal-bumper ta' quddiem, dan kellu A Bar mizbugha b'zebgha kulur metallic dark grey.*

*Nghid ukoll illi fuq in-naha ta' gewwa tal-lock tal-bieba tal-kaxxa, jien qatt ma qlajt l-inspection cover ta' din il-lock, u qatt ma ghamilt xejn madwar l-istess lock minn gewwa.*

*Fuq il-windscreen ta' quddiem tal-vann tieghi, lejn il-genb tal-lemin, kellu bhal makkjatura li lili kienet iddejjaqni meta nibda nsuq.*

*Insemmi wkoll illi fid-dashboard, dan kellu r-recess ta' wiehed mill-viti tal-lemin li jorbtu radio, dan gie mikul meta dak li wahhalli radio ssikka l-istess vit b'electrical drill, u r-ras tac-chuck misset ma' l-istess dashboard.*

*L-istess vann kien kopert minn polza ta' assikurazzjoni mal-kumpanija assikurattrici Elmo Insurance bhala Fully Comprehensive fuq il-valur ta' Lm6000. Wara xi zmien, u cioe' wara xi 4 xhur, kont thallast mill-istess Insurance il-valur ta' Lm6000.*

*Jien sirt naf mill-Ispettur Anthony Cassar illi Etienne Brincat kien qed jorqod mall-vann meta dan kien mizmum mill-Pulizija ta' Haz-Zabbar. Kelli ordni mill-Pulizija tad-Distrett sabiex ma nersaqx lejn l-istess vann, u fil-fatt hekk kont ghamilt.'*

Illi PS 1577 xehed fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali fejn qal is-segwenti:-

*'Fl-20 ta' Gunju 2007, f'xil-hamsa u nofs ta' filghaxija (5.30pm), gie certu Salvinu Degabriele flimkien ma hatnu*

*Mario Zammit fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, fejn stqarr mieghi illi xi zmien qabel kienu serqulu vann tal-marka Toyota Hilux, numru GBB 559, minn Triq Dun Tarcis Agius, M'Scala, u waqt li dakinhar stess ta' l-20 ta' Gunju kien ghaddej mix-Xghajra, ra vann jixbhu u ssuspetta li kien tieghu. Meta staqsejtu ghala gieh dak is-suspett li dak il-vann kien tieghu, qalli li l-kaxxa ta' l-istess van f'Malta kull ma hawn xi tlieta biss, ghax miftuha iktar mill-ohrajn. Meta staqsejtu x'ried jghid biha 'miftuha' , qalli li l-arches tal-kaxxa huma miftuhin aktar mill-ohrajn. Qalli wkoll illi meta nizel jiccekkja l-istess vann, hu nnota li certu bolts li jorbtu l-brackets li hemm fuq gewwa tal-kaxxa kienu tieghu. Meta ghidtlu xi jrid ifisser 'b'tieghu', huwa qalli li originarjament dawn il-bolts ikollhom ir-ras tonda, filwaqt li tieghu kellhom ras 'hexagon'.*

*Offrejt li nakkumpanjah fuq il-post fejn kien ra l-vann. Morna x-Xghajra u sibna l-vann fi Triq Sant Elija. Hemmhekk konna jiena u l-imsemmija Salvinu Degabirele u Mario Zammit.*

*Huwa, u cioe' Salvinu, eda jindikali l-bolts li kienu jorbtu l-brackets, u cioe' iz-zewg brackets ta' gol-kaxxa, ezattament dawk l-eqreb ghall-kabina. Jiena ezaminajt dawn il-bolts u rajt li kienu l-4 li huma ras hexagon, mghottija b'qatran iswed.*

*Ghidtlu wkoll jekk huw qed maghraf xi haga ohra, u qalli illi kien hemm ghafsa fuq il-wheelarch tal-kaxxa, genb tal-passiggier, pero' jiena ma rajthiex. Qalli wkoll li l-bieba tal-kaxxa kienet thokk meta tinghalaq.*

*Staqsejt min hu sid il-vann u ndikawli li kien certu Etienne Brincat, ID no 109376M, li sibtu go flat fl-istess triq.*

*Nizel, staqsejtu l-vann bin-numru CAF 028 kienx tieghu, u qalli iva. Qalli wkoll li kien ghadu kemm irrangah u b'hekk kien mizbugh frisk. Meta staqsejtu rigward il-kaxxa tal-vann, Etienne qalli illi kien xtraha minghand xi hadd miz-Zurrieq li kellu numru tal-mobile 99402280. Staqsietni ghalfejn qed nistaqsieh fuq il-kaxxa u l-vann innifsu, u*

*ghidtlu li kien suspettuz. Qalli dak huwa tieghi, u jekk trid iccekjah.*

*L-imsemmi Salvinu ccekja l-kumplament ta' dan il-vann bil-kunsens ta' sidu u kkonferma illi l-kaxxa tal-vann kienet tieghu, pero' l-kumplament tal-vann ma kienx.*

*Qed nigi muri vit li huwa wiehed minn 8 immarkati bhala DOK EB1, li maghhom hemm 4 brackets. Nghid illi l-bolts li kienu qed jorbtu l-brackets fil-kaxxa li semmejt aktar 'l fuq ma kienux l-ghamla tal-vit li qed nigi muri. Nerga' nghid, dawn ma kellhomx ras tonda, pero' kellhom ras 'Hexagon'.*

*Lil Etienne ghidtlu biex jinzel bil-vann l-Ghassa ta' Haz-Zabbar, eskortat mill-Pulizija. Qalli l-vann ser jibqa' hemm fejn kien u intom il-Pulizija ma tmissuhx, l-anqas jekk jinzel Alla. Dak il-hin, Etienne kellu mieghu lil certu Mark Micallef li n-numru tal-mobile tieghu huwa 79918950. Tlabtu l-ID card u qalli li ma kellux fuqu. Dan kien il-hin kollu ma' Etienne. Keccejtu xi 3 darbiet u ma telaqx. Il-mobile phone ta' Mark Micallef gibtu minn fuq il-bail book pero' li xi zmien qabel kien jiffirma l-Ghassa ta' Haz-Zabbar.*

*Sadattant il-vann hallejtu fuq il-post u tlajt l-Ghassa u nformajt l-Ispettur Anthony Cassar dwar dawn il-fatti.*

*Xi jumejn wara osservajt li l-istess vann kien ipparkjat mal-bankina ta' l-Ghassa ta' Haz-Zabbar.'*

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri[5] fejn qal li huwa kellu vann tal-marka Isuzu bin-numru ta-registrazzjoni CAF 028 li ma' tantx kien fi stat tajjeb u ghalhekk huwa xtaq jirrangah u siehbu Jonathan Camilleri qallu li fuq l-Internet kien ra kabina u kaxxa ta' vann Toyota ghall-bejgh ghall-prezz ta' Lm700. Huwa jghid li xtara din il-kabina u l-kaxxa minghand certu Alistair

[5] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva tinsab inserita fol. 43 sa 60 tal-atti processwali.

Caruana u mar ma’ siehbu Jonathan Camilleri sabiex jghabbi dan il-vann fuq karru miz-Zurrieq ghal Haz-Zabbar fejn imbaghad ghamel ix-xoghol hu fuq il-vann. Huwa qal li l-airbags u xi parts ohra li kien hemm fil-vann tieghu u li l-Pulizija qed jghidu li kienu misruqin kien gabhom permezz ta’ tpartit minghand Noel Gauci ta’ Burmarrad Commercials wara li ghamillu xi xoghol bil-high-up ta’ Polidano Brothers, u cioe’ l-employer tieghu. Huwa qal ukoll li kien xtara nofs vettura Toyota minghand certu Pawlu mir-Rabat u ghaqqad kollox flimkien. Huwa qal ukoll li wara li lesta x-xoghol fil-vann hadu ghand l-Engineer Frederick Azzopardi sabiex jiccertifika li x-xoghol sar sew u imbaghad sar VRT test fuq l-istess vettura. In kontro-ezami l-imputat sostna li meta huwa kkonsenja l-vann lil Pulizija dan ma kellux hexagon bolts fil-kaxxa ta’ wara kif qed jghid Degabriele.

Meta xehed fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali l-imputat qal is-segwenti:-

*‘Ghadhom kif inqrawli zewg stqarrijiet li jiena rrilaxxajt lill-Pulizija, wahda fil-21 ta’ Gunju 2007 immarkata bhala Dokument SM1, u ohra li rrilaxxajt fid-29 ta ‘Awwissu 2007, mmarkata bhala Dokument SM2.*

*Qed nigi muri set ta’ 8 boltijiet u 4 brackets li qed naghraf bhala dawk li qlajt minn fuq il-kaxxa tat-Toyota Spacecab tieghi, bin-numru CAF 028. Nghid li dawn kont ghaddejthom lil PS983 S. Pace fit-2 ta’ Settembru 2007. Dawn il-bolts u brackets qed jigu mmarkati bhala dokument EB1. Dawn kont qlajthom minn fuq il-kaxxa tieghi qabel ma zbajt l-istess kaxxa. Dana sabiex naghmel pipe flok il-brackets, ghat-tinda. Nghid ili l-kaxxa zbajtha qabel poggejtha fuq ix-chassis, pero’ l-kabina zbajtha meta kienet marbuta fuq ix-chassis.*

*Irrid nghid illi fejn qlajt il-bolts tal-brackets fuq imsemmija, nghid li brat xi sadid li kien hemm taht il-bolts u zbajtu b’zebgha ‘edging primer’ kulur ahdar. Din zbahtha bil-pinzell. Il-qatran ta’ madwar dawn il-bolts ma messejtux. Dan ix-xoghol ghamiltu ghand it-tellar Toni Spiteri fil-garaxx tieghu.*

*Qed nesebixxi 7 ritratti mehudin minni stess. Dawn hadthom quddiem id-dar tieghi stess, ftit wara li gibthom minghand dak taz-Zurrieq. Dawn hemm 4 ritratti. It-tlieta l-ohra huma tal-vann Isuzu CAF 028 li kelli jiena stess u li minnu hadt xi partijiet tax-chassis biex uzajthom fuq it-Toyota. Dawn ir-ritratti qed jigu mmarkati bhala dokumenti minn EB2 sa EB8.*

*Nghid illi l-kabina li xtrajt miz-Zurrieq kellha hsarat estensivi fuq quddiem naha tal-lemin, li kelli nibdel l-inner panel ta' l-istess naha. Fuq il-genb tal-lemin ma kellha l-ebda hsara ohra. Fuq il-genb tax-xellug, kellha Danni fuq il-body side ta' wara, kellha xi ghafsiet fuq il-bieba taht il-mera ta' l-istess genb u xi daqqiet zghar fuq il-mudguard ta' quddiem, genb tax-xellug. Mill-'bolted on' panels tal-kabina, jiena bdilt biss il-mudguard tal-genb tal-lemin. Il-bqija uzajt kollox li kien ma' l-istess kabina. Nghid li l-mudguard li bdilt tahuli dak taz-Zurrieq minn fejn xtrajt l-istess kabina.*

*Nghid illi l-kaxxa tal-vann kellha xi brix u ghafsiet irqaq fuq il-genb tax-xellug. Fuq il-genb l-iehor ma' kellha l-ebda hsarat. Il-hsarat tal-kaxxa sewwiehom l-imsemi Toni Spiteri. Fuq in-naha ta' wara tal-genb tax-xellug tal-kaxxa, nerga' nghid li hlief ghafsiet zghar u brix ma kelliex. Il-qatran tal-kaxxa, fuq gewwa, ma kellu bzonn l-ebda riparazzjonijiet jew irtokki.*

*Nghid illi meta xtrajt il-kabina minghand taz-Zurrieq, id-dashboard panel kien imwahhal fil-post, pero' l-instrument panel kien maqlugh minn postu u kien fl-istess kabina. Nghid li jiena wahhalt kollox li tani mieghu. Il-fuse box u l-affarijiet l-ohra kollha li hemm madwar il-magna, hallejt kollox li kellu.*

*Meta xtrajt il-magna u x-chassis minghand Pawlu tar-Rabat, din kellha xi wiring maghha. Apparti dan ma kellha xejn aktar. L-airbag tad-driver kien mifqugh. Dan tahuli b'xejn Noel li huwa wiehed mill-propjeta'rji tal-kumpanija Burmarrad Commercials. Tani wkoll b'xejn il-mera tal-passiggieri u l-bullbar ta' quddiem.*

*Taht il-wheelarch tan-naha tax-xufier, il-qliegh kien mifqugh u sewwejt kollox.*

*Nghid ukoll illi l-ahhar zewg brackets fejn tehel il-kabina kelli nirrangahom peress li ma qablux it-toqob. It-toqob fejn tehel il-kaxxa kelli nwessaghhom bil-cutter peress li ma qablux. Apparti l-qatgha tax-chassis li ghamilt magenb it-tension bar, jien ma kellix ghalfejn aghmel xi qatgha ohra, peress li kollox kien jaqbel ma' tat-Toyota. Ix-chassis kollu zbahtu bl-istone guard, minn tarf sa iehor. Dan zbahtu qabel ma wahhalt il-kabina u l-kaxxa. Il-qliegh tal-kabina u l-kaxxa hallejthom kif kienu u ma tajthom l-ebda protezzjoni ghas-sadid. Tajt biss l-inner panel li bdilt u l-genb tax-xellug tal-kaxxa, fejn sahhant u tellajt id-daqqiet. Nixtieq niccara u nghid li mhux il-genb tal-kaxxa, izda l-genb tal-kabina. Il-qliegh tal-kabina u l-kaxxa kellha materjal qisu 'Denitrol' ta' kontra s-sadid. Tappijiet ta' l-art naf li kellha xi haga. Il-bibien hallejthom b'dak li kellhom. Dan ix-xoghol kollu ghamiltu ghand Toni.*

*Nghid illi x-chassis ghaqqadtha fuq ix-xoghol fejn nahdem, filwaqt li x-xoghol kollu l-iehor sar ghand Toni.*

*Il-VRT tal-vann Toyota ghamiltu ghand il-pompa tal-petrol 'Cassar Service Station', wara li rah l-enginier Fredrick Azzopardi. Kont prezenti meta sar il-VRT. Kemm ix-chassis number kif ukoll l-engine number gew ezaminati mill-VRT Tester. Ma gibidli l-ebda attenzjoni fuq xejn.*

*L-istess vann gie ezaminat mill-engineer Frederick Azzopardi ghand 'Starlight Garage', Zejtun. Ma niftakarx jekk kontx prezenti waqt din l-inspection, pero' nahseb li kont prezenti peress li kont fhemtu li tawwalt ix-chassis ta' dan il-vann. Kont indikajtlu wkoll minn fejn kont qtajt u wweldjajt l-istess chassis frame. Ix-chassis number hallejtu mikxuf. Meta l-engineer ezamina x-chassis, dan kien mizbugh bl-istone guard u sa fejn naf jien ma qadx iqaxxar l-istoneguard biex jezamina x-chassis. Ix-chassis number rah pero' ma kkummenta xejn.*

*L-istess chassis qadt ma hadtu biex inkejlu dwar il-qidien originali tieghu. Dan qistu kif naf jien.*

*Nghid illi l-fusebox cover li hemm fuq il-vann, uzajt l-istess wahda li kien hemm fuq ix-chassis u l-magna li xtrajt minghand Pawlu tar-Rabat.'*

Illi waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar 2011 xehed Jonathan Camilleri prodott mid-Difiza fejn huwa qal li kien akkompanja lill-imputat sabiex igorru kabina u kaxxa ta' vann Toyota miz-Zurrieq. In kontro-ezami izda dan ix-xhud qal li huwa ma kienx ra x-xoghlijiet isiru fuq il-kabina u l-kaxxa li nxtraw miz-Zurrieq u li ma jistghax jghid b'certezza li l-kaxxa li hemm imwahhla fuq il-vann tal-imputat bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 hija l-istess wahda li huma garrew miz-Zurrieq.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjonijiet ta' ricettazzjoni kif ukoll li malli sar jaf li kellu fil-pussess tieghu xi haga mehuda b'qerq huwa naqas milli jinforma lil Pulizija dwar dan fi zmien gimgha u li sar recidiv u li kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Settembru 2006. Illi wara li ezaminat il-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti ma tistghax ma' taqbilx mal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert tekniku Philip Zammit li diversi partijiet li kien hemm armati fuq il-vann Toyota Space Cab bin-numru tar-registrazzjoni CAF 028 kienu gew zarmati minn fuq il-vann Toyota Space Cab bin-numru tar-registrazzjoni GBB 559 liema vann insteraq fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2007. Mill-provi rrizulta wkoll li l-propjetarju tal-vann misruq Saviour Degabriele seta' jiddentifika l-kaxxa tal-vann tieghu u xi parts ohra fost affarijiet ohra mill-boltijiet ta' forma hexagon li ra fil-kaxxa tal-vann meta huwa lemah il-vann CAF 028 ghall-ewwel darba u dan seta' wkoll jigi konstatat minn PS 1577 u ghalhekk ghalkemm dawn il-boltijiet ma' gewx esebiti in atti ghaliex ghal xi raguni ferm suspettuza dawn instabu neqsin waqt li l-vann kien parkeggjat quddiem l-Ghassa ta' Haz-Zabbar wara li

dan gie elevat mill-Pulizija u meta l-imputat kien gja' a konoxxenza tal-fatt li Degabriele kien gharaf il-kaxxa proprju mill-forma tal-boltijiet, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-fatt li sid il-vann seta' jiddentifika l-kaxxa tal-vann tieghu wara li ra dawn il-boltijiet. Il-Qorti jidrilha li l-imputat ma' ta l-ebda spjegazzjoni accettabbli u li tista' titwemmen il-ghala il-parts misruqin instabu fil-pussess tieghu anzi mil-provi rrizulta li l-varji spjegazzjonijiet li huwa prova jaghti gew kontradetti minn xhieda ohra li qalu l-kuntrarju ta' dak li kien qed jghid l-imputat bhal per ezempju Emanuel Gauci ta' Burmarrad Commercials li xehed quddiem l-espert tekniku fl-24 ta' Novembru 2007 fejn dan cahad li kien ta xi parts ta' Toyota b'xejn lill-imputat u qal li huma qatt ma' kellhom l-A-Bar li taqbad mal-bumper ta' quddiem tal-vann tal-imputat. Dan ix-xhud ghalhekk jikkontradici dak li qal l-imputat fir-rigward ta' xi parts li nstabu fil-vann tieghu u inoltre jrid jigi rilevat li fil-kors tal-investigazzjonijet l-imputat qal lil Pulizija li dawn il-parts kienu inghatawlu b'xejn minn Noel Gauci ta' Burmarrad Commercials filwaqt li meta xehed f'dawn il-proceduri huwa qal li dan tahomlu bi tpartit.

Wara li kkonstatat dan kollu l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat xjentement kien fil-pussess ta' oggetti misruqa u ghalhekk huwa ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Il-Qorti jidrilha li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati u sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet imputazzjoni wkoll tirrizulta pruvata stante li giet esebita s-sentenza relattiva tat-13 ta' Novembru 2006 (a fol. 28) u jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfronti taghha inghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfronti tal-imputat odjern Etienne Brincat. L-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda r-raba'

imputazzjoni u cioe' fejn l-imputat qed jinghata l-addebitu tar-recidiva. Dan jinghad ghal zewg ragunijiet: (1) Fis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2006 l-imputat inghata conditional discharge u kif dejjem gie ritenut din ma' tikwalifikax bhala kundanna ghal finijiet tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali; (2) ma' saritx il-prova tal-identita' in kwantu jirrigwarda s-sentenza l-ohra esebita mill-Prosekuzzjoni bhala prova tar-recidiva, u cioe' dik inserita a fol. 29 sa 35, u stante li f'dik is-sentenza ma' hemmx indikati l-konnotati tal-imputat ma' jistghax jinghad li jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-Etienne Brincat li inghatat is-sentenza fil-konfronti tieghu huwa l-istess imputat fil-proceduri odjerni. Isegwi ghalhekk li l-addebitu tar-recidiva ma' jirrizultax pruvat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ma' jistghax jitqies li huwa recidiv u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja tkun sentenza ta' prigunerija sospiza b'ordni ta' konfiska tal-vettura in dizamina.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334 u 279 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba'(4) snin millum. Stante li t-tieni(2) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-regsitrazzjoni CAF 028.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn tmien mija u sittax-il ewro u disgha u

disghin ewro centezmi (€2816.99) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------